MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1593/2003

**Ing. Frederick Azzopardi**

**vs**

**Perit Ramon Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-13 ta' Awissu, 2003, fejn intqal li l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' elf, u ghoxrin Lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm1020.16) rapprezentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru IBC 739 fl-1 ta' Lulju, 2003 fil-limiti ta' l-Mgarr ikkaguna incident tat-traffiku mal-vettura numru AAI 864 propjeta' ta' l-attur u misjuqa minnu u b'hekk ikkaguna danni f'din l-istess vettura.**
**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat ghal kollox.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Lulju, 2003 kontra l-konvenut u tal-parir Lm15.00 u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' din it-talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax legali kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Perit Ramon Gauci pprezentata fid-9 ta' Settembru, 2003, fejn intqal:**
**Illi fil-konfront tieghu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi ghall-incident meritu tal-kawza, l-eccipjent ma kellu l-ebda htija.**
**Salv kull eccezzjoni ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda ta' PS 667 Edgar Borg, Peter Sammut, Walter Vella, Frederick Azzopardi, Philip Zammit, Perit Ramon Gauci. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghal hlas ta' danni bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Lulju, 2003 fi Triq l-Imgarr limiti ta' l-Imgarr, bejn il-vettura AAI 864 misjuqa minn Frederick Azzopardi u l-vettura IBC 739 misjuqa mill-konvenut Ramon Gauci.**
**2. L-attur kien gej mill-Imgarr miexi fid-direzzjoni tal-Mosta u kien qabez il-parti tat-triq fejn hemm id-dahla ghall-iskola ta' San Anton. Skond ma xehed l-attur quddiemu kien hemm karozza ohra xi 50 pied il-boghod minnu. L-attur testwalment ighid hekk : « jiena rajt karozza gejja minn faccata. Qabzet fil-lane taghna, peress illi kienet qed taghmel *overtaking*, ta' quddiemi bbrekja….. swervja ghal fuq ix-xellug u tkaxkar mal-hajt ». Il-karozza li tkaxkret mal-hajt kienet il-karozza tal-konvenut. Din il-karozza wara li habtet mal-hajt inqalbet u saret il-kollizzjoni ma' l-attur. Ma rrizultax illi l-attur kien ghaddej b'xi velocita' ezagerata ghal dik il-lokalita' apparti li t-triq hemm hekk hija wiesgha circa 4.8metri. L-attur kellu l-hsara fuq quddiem fuq ix-xellug.**

**3. Passiggier ma' l-attur kien hemm Peter Sammut illi bazikament jikkonferma dak li qal l-attur.**

**4. Minn dawn iz-zewg xhieda jirrizulta illi wara li l-vettura tal-konvenut tkaxkret mal-hajt, il-van li kien gej mill-faccata kien lahaq dahal fil-karreggjata tieghu l-attur kellu minn fejn ighaddi, u kien ghalhekk illi l-attur baqa' miexi. Ghalhekk jirrizulta illi fil-fatt il-vettura tal-konvenut f'salt ir-rimbalzat, nqalbet u giet fuq il-vettura ta' l-attur u dan kollu fi ftit sekondi.**

**5. Il-konvenut jikkonferma li kien gej il-van fil-karreggjata zbaljata minn faccata u kif rah gej applika l-brake u gibed lejn il-hajt. Jikkonferma illi hu habat mal-hajt u nqaleb, pero' a differenza ta' dak li qed ighid l-attur, il-konvenut ighid illi wara li zamm il-brake qala' daqqa fuq wara mill-attur li biha tefghu gol-hajt u kien sussegwentement li nqaleb.**

**6. Fir-*road accident report* il-pulizija nizzel is-segwenti bhala l-versjoni moghtija mill-konvenut : « on seeing that there was going to be a headon collission driver braked hard and swerved to the left into the boundary wall. Through the impact driver's van overturned and ended on its right side ». Fl-istess rapport hemm konfermata il-versjoni li ta l-attur a tempo vergine li taqbel perfettament mal-versjoni li ta fid-deposizzjoni tieghu.**

**7. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi fil-fatt id-danni li sofra l-attur graw wara li l-konvenut habat fil-hajt u nqaleb u gie ghal fuqu.**

**8. It-Tribunal hu tal-fehma illi ghall-incident li sehh bejn l-attur u l-konvenut huwa minnu illi l-manuvra tal-konvenut kienet rizultat ta' manuvra zbaljata ta' karozza li kienet gejja minn faccata, pero' dana wahdu ma jnehhix ir-responsabbilta' minn fuq il-konvenut ghal fatt illi bid-daqqa mal-hajt inqaleb u dana hu ndikattiv ta' velocita' eccessiva da parti tal-konvenut.**

**9. Ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma illi d-danni illi sofra l-attur huma principalment attriwibbli lill-konvenut, pero' mill-lat l-iehor it-Tribunal ma jistax ma jirrilevax ukoll certu nuqqas da parti ta' l-attur, in kwantu dana kien qieghed miexi wara l-konvenut, kien qed izomm certa distanza mill-konvenut, kien jaf ben tajjeb x'qed jigri quddiemu, ra lill-konvenut jahbat fil-**

**hajt, u b'dana kollu hu ntenta li jissorpassa lill-konvenut. Il-manuvra ta' l-attur fic-cirkostanzi ma hemmx dubbju kkontribwiet ghal eventwali ncident ghalkemm mhux fl-istess grad tal-konvenut.**

**10. Bhala danni li sofra l-attur dawna jinsabu pruvati skond ma jirrizulta mid-Dok A sa Dok J.**

**11. Ghalhekk it-Tribunal qed isib lill-konvenut responsabbli ghad-danni li garrab l-attur fi grad ta' tlett kwarti. Id-danni li sofra l-attur jammontaw ghal elf, u ghoxrin Lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm1020.16). Konsegwentement in kwantu l-konvenut kien responsabbli biss fi grad ta' tlett kwarti jigi li ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm765.12).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici in kwantu l-konvenut kien responsabbli ghall-incident li sehh fi grad ta' tlett kwarti u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm765.12), bl-imghax legali dekorribbli millum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sofferti in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------